- *talba għal ħlas ta' self ta' flus*
- *modifikazzjoni tal-ftehim mhix novazzjoni*
- *eċċezzjoni fin-nota ta' sottomissjonijiet aħħarija*
- *leġittimazzjoni passiva tal-mara għad-dejn ta' żewġha*

**QORTI ĊIVILI**

**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Rik. Ġur. 758 /2014 GM**

**John Borg ID 185450M**

**vs**

**Raymond Borg ID330668M u martu Doreen Borg ID 171971M għal kull interess li jista' jkollha**

**Seduta tat-30 t'April 2019**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat ippreżentat fit-2 ta' Settembru 2014 fejn l-atturi esponew illi:

1) Permezz ta' żewġ skritturi privati redatti min-nutar Jean Paul Farrugia fl-10 ta' April 2014 (u b'digriet tas-16 ta' Lulju 2019 is-sena "2014" ġiet mibdula għal "2013") u fis-27 ta' Ġunju 2014 il-konvenut ikkostitwixxa ruħu cert u likwidu debitur favur l-attur John Borg fl-ammonti ta' €80,000 u ta' €52,192 rispettivament.

2) Waħda mill-kundizzjonijiet imsemmija skritturi kienet l-obbligazzjoni tal-konvenut li jħallas (i) l-ammont dovut skont skrittura A permezz ta' ammonti mensili u konsekuttivi ta' €1865 kull wieħed u bl-imgħax ta' 3% li kellu jiġi mħallas lura kollu fi żmien erba' snin u (ii) l-ammont dovut skont skrittura B permezz ta' ħlas mensili ta' mhux inqas minn €6524 kull wieħed b'dan illi is-somma sħiħa kellha tiġi mħallsa sa mhux minn disa' xhur mid-data tal-iskrittura.

3) Il-konvenut ma qagħadtx għal dawn il-kundizzjonijiet u għal xahar wara l-ieħor ma ħallasx jew ħareġ ċekk li ma jissarrafx u agħar iffirma fuq diversi ċekkijiet li meta l-attur mar isarrafhom meta kienu jiskadu l-bank irrifjuta li jonorhom billi l-firma tal-konvenut fuqhom ma tkunx l-istess firma li l-konvenut kien ta lill-bank bħala firma tiegħu u li abbazi tagħha l-bank ikun obbligat jonora ċ-ċekkijiet tiegħu.

4) Għalhekk il-konvenut għalkemm onora diversi ċekkijiet li kienu dovti mensilment skond l-imsemmija żewġ skritturi jinsab moruż sal-lum fis-somma ta' iżjed minn €13,000 u għalhekk kiser l-obbligazzjoni li ħa u li

abbazi tagħha ġie lilu mogħti żmien għall-ħlas u l-ebda imgħax fl-ewwel skrittura u imgħax baxx fit-tieni skrittura.

5) Fit-tieni skrittura il-konvenut kien obbliga ruħhu li f'kaz illi ma jonorax l-obbligu tiegħu li jħallas kull xahar l-ammont miftiehem huwa jkun obbligat li fuq is-somma minnu dovuta jibdew jiddekorru l-imgħax ta' 3%.

6) Mitlub jonora l-ftehim kif ukoll li minħabba n-nuqqasijiet tiegħu li jimxi skont l-obbligazzjonijiet minnu assunti fiż-żewġ skritturi tal-ħlas miftiehem kull xahar kif ukoll li jagħti garanzija xierqa minħabba dawn in-nuqqasijiet sabiex din il-garanzija tagħmel tajjeb għall-ħlas lura tas-somma kollha dovuta fiż-żewġ skritturi u li permezz tagħha l-esponenti kien ikun fil-posizzjoni li jassigura l-ħlas lura tas-somma minnu dovuta il-konvenut, dana baqa' inadempjenti u għalhekk qed issir din il-kawza.

Talab lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi il-konvenut naqas li jottempora ruħu mal-obbligazzjonijiet tiegħu imsemmija fiż-żewġ skritturi privati Dokument A u Dokument B fuq riferiti;

2. Konsegwentement tiddikjara illi minħabba dan in-nuqqas il-konvenut tilef il-benefiċċju tal-ħlas lilu mogħti kif wkoll dak li fuq is-somma indikata fid-dokument B tilef il-jedd li jħallas imgħax bi 3% u b'hekk għandu jiġi fuq dik is-somma dovut l-imgħax legali bi 8% u; tiddikjara u tiddeċiedi wkoll illi fuq l-ammont imsemmi fit-tieni skrittura dokument B għandu jiddekorri imgħax ta' 8% fuq is-somma intiera dovuta.

3. Konsegwentement tillikwida s-somma kollha bilancjali msemmija fiż-żewġ skritturi bl-imgħax ta' 8% mid-data tal-istess skritturi sad-data tal-pagament effettiv wara li jitnaqqsu mill-ammont imsemmi fiż-żewġ skritturi, kwalunkwe somma li diġa` tħallset sallum u liema ħlas għandu l-ewwel imur biex ikopri l-imgħax ta' 8% u wara li jsir hekk biss li jitnaqqas il-kapital;
4. Tikkundanna lill-konvenut iħallsu s-somma li tiġi stabbilita okkorrendo permezz ta' periti nominandi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 1242/14 u pprezentat fit-13 t'Awissu 2014 u tal-ittra interpellatorja tat-13 t'Awissu 2014 u b'riżerva għal kull azzjoni oħra spettanti lill-attur skont il-liġi.

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat illi permezz ta' provediment tal-24 ta' Frar 2015 [1] din il-Qorti, diversament ippreseduta, iddikjarat li l-konvenuti baqgħu kontumaċi;

Ikkunsidrat:

Jirriżulta li:

1. Il-kontendenti huma aħwa. L-attur huwa grossist ta' għadd ta' prodotti. Il-konvenut kien jaħdem miegħu fuq bażi ta' *commission*.

2. Bi skrittura tal-10 t'April 2013[2] hemm iddikjarat li l-attur kien qiegħed jislef *brevi manu* lill-konvenut €80,000; u li l-konvenut intrabat li jħallas

[1] Fol 28

lura lill-attur fi żmien 4 snin mill-20 ta' Mejju 2013, bl-imgħax ta' 3% fis-sena a skaletta.

3. Mill-€80,000 il-konvenut ħallas ammont totali ta' €29,644 permezz ta' 12-il ċekk *post-dated.* L-aħħar ċekk li ssarraf kien fl-20 ta' Settembru 2014. Iċ-ċekk tal-20 t'Ottubru 2014 ma ssarrafx għax ġie *referred to drawer.*

4. Bi skrittura oħra tas-27 ta' Ġunju 2014[3] il-partijiet jipremettu li l-attur kien silef lill-konvenut brevi manu s-somma ta' €52,192 li l-konvenut intrabat li jħallas lill-attur fi żmien 9 xhur mid-data tal-iskrittura permezz ta' pagamenti ta' mhux inqas min €6,524 fix-xahar mill-10 t'Awwissu 2014 sal-10 ta' Marzu 2015 mingħajr imgħax iżda jekk ma jitħallasx xi pagament bl-interessi ta' 8% fuq il-pagament dovut. Kull ċekk abbażi tat-tieni skrittura ġie *referred to drawer*;

5. Il-konvenut intrabat li jħallas somma oħra ta' €10,000 li minnha ħallas €7,500 u għalhekk fadallu bilanċ ta' €2,500.

Ikkunsidrat:

Illi l-attur[4] stqarr fl-affidavit tiegħu li l-konvenut ma kienx jgħaddilu l-flus kollha miġbura mingħand il-klijenti u kien għalhekk li saret l-ewwel skrittura. Stqarr ukoll li t-tieni skrittura saret wara li rriżulta, kemm mill-*purchase ledger transactions* tal-klijent kif ukoll minn ammissjoni tal-istess konvenut, li ma kienx għaddielu flus miġbura mingħand il-klijent ewlieni tiegħu Vincent Cilia li kien iħallas lill-konvenut b'ċekkijiet li ġew imsarrfin mill-konvenut wara li ffirma "John Borg" fuqhom. Johann

[2] Fol 4, Dok A
[3] fol 5, Dok B
[4] fol 37, affidavit tal-attur

Borg u Samantha Josephine Borg[5] ulied l-attur, ikkonfermaw dak kollu li qal missierhom.[6] Vince Cilia xehed *viva voce*, u kkorrobora dak li stqarr l-attur, safejn dak stqarr li Cilia kien ħareġ ċekkijiet favurh, u esebixxa kopja taċ-ċekkijiet li ħareġ favur l-attur[7] u kopja tal-*purchase ledger transactions*[8];

Illi l-attur ippreżenta nota li suppost annetta magħha rapport mill-espert kalligrafu Dr. Martin Bajada f'kawża oħra fl-ismijiet John Borg v Bank of Valletta plc (Rik.Ġur 1140/14LM) iżda bi żvista naqas li jannetti l-istess rapport. Talab li jesebih iżda din il-Qorti, diversament ippreseduta, bi provvediment tat-30.03.16 [9], ċaħditlu t-talba;

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, il-konvenut jgħid li l-ewwel skrittura ma ssemmi xejn dwar nuqqas ta' ħlasijiet dovuti lill-attur u għalhekk hemm konflitt tal-provi. Il-Qorti ma taqbilx. Huwa evidenti li ma sarx aċċenn bħal dan billi l-kontendenti huma aħwa. Fi kwalunkwe każ l-iskrittura hi dik li hi u hija prova tal-kontenut tagħha, imnejn jirriżulta d-debitu. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, il-konvenut ma jinfiċjax l-eżistenza tad-debitu kif jirriżulta minn din l-iskrittura, imma biss il-provenjenza tiegħu;

Illi l-konvenut jattakka wkoll il-valur probatorju tax-xhieda ta' Vincent Cilia u d-dokumenti minnu esibiti. Issa għall-Qorti, minn din ix-xhieda anke jekk mhix prova li l-konvenut sarraf iċ-ċekkijiet permezz ta' firem foloz, ċertament jirriżulta li Cilia xtara l-merkanzija mingħand l-attur u li ħallas billi ħareġ ċekkijiet favurih. Provi li huma biżżejjed biex

[5] fol 89
[6] fol 85, affidavit ta' Johann Borg
[7] fol 93
[8] fol 100-106
[9] fol 128

jikkorroboraw ir-raġuni li ġieb l-attur għalbiex saret it-tieni skrittura. Il-Qorti, kuntrarjament għall-konvenut, ma tara xejn inverosimili li l-attur m'għamilx rapport mal-pulizija kontra l-konvenut, li huwa fl-aħħar mill-aħħar ħuh: kif jgħid il-qawl Malti, anke jekk b'mod kategoriku, id-demm qatt ma sar semm;

Illi l-konvenut imbagħad jallega li t-tieni skrittura mhix self ieħor b'żieda mas-self tal-ewwel skrittura, imma jirrapreżentaw il-bilanċ li kien għadu dovut. Jgħid li għalhekk hija novazzjoni, fejn wara li saru l-pagamenti, tħassret l-ewwel skrittura u saret skrittura ġdida fuq il-bilanċ. Issa fit-tieni skrittura ma hemm l-ebda aċċenn għall-ewwel skrittura u għalhekk huwa għal kollox inverosimili li permezz tagħha ma kienx qiegħed isir dejn ġdid;

Illi modifikazzjoni ta' ftehim mhix, kif jissottometti l-konvenut, novazzjoni: l-Qrati tagħna jaffermaw li "ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni l-antika ma tiġix maqtula iżda sempliċiment modifikata"[10] ghaliex billi ssir modifikazzjoni fi ftehim ma tavverax ruhha novazzjoni bejn il-partijiet jekk ma kienx hemm l-intenzjoni li ssir obbligazzjoni ġdida in sostituzzjoni għall-antika, li tiġi mill-partijiet imħassra[11]. Barra minn hekk, hi liġi espressa, *ex*-Artikolu 1180(2) tal-istess Kodici, illi innovazzjoni ma tistax tiġi preżunta u, anzi, li l-intenzjoni li ssir għandha tirriżulta biċ-ċar.[12]. Jingħad, imbagħad, b'ċitazzjoni **mil-Laurent**,[13] *"dicendo che la novazione non si presume, la legge traccia ai giudici la regoIa da seguire nell'apprezzamento del*

[10] ara Artiklu 1181(1) tal-Kodiċi Ċivili u Antonio Sammut -vs-Antonio Mifsud, Appell Inferjuri, 14 ta' Settembru, 1943
[11] ara Spizjar George Mallia -vs-Joseph Azzopardi, Qorti tal-Kummerc, 5 ta' Gunju, 1951.
[12] Ara Paul Koludrovich - vs- Carmelo Muscat, Appell Civili, 25 ta' Mejju, 1956; Carmelo Grima v James McClean 02.10.2009 Qorti tal-Appell, per Onor. Imħallef Philip Sciberras
[13] Principii di Diritto Civile Vol. XVIII para. 260

*fatti e delle convenzioni intervenute tra le parti, e attribuisce loro con cio` implicitamente il diritto di apprezzare i fatti e le circostanze per decidere se vi è novazione"* [14];

Illi l-konvenut isostni li jekk it-tieni skrittura ma tissosstitwix l-ewwel waħda, allura kien fadallu sal-20 ta' Mejju 2017 biex iħallas ġaladarba ma ġiex espressament pattuwit it-telf tal-benefiċċju tat-terminu;

Illi fuq l-ewwel skrittura kien fadal bilanċ ta' €50,356 x'jitħallas fl-20.09.2014. Id-debitu kellu jitħallas sal-20.05.2017. Imgħax ta' 3% bejn iż-żewġ dati fuq €50,356 jammonta għal €4,028.12. Mill-20.05.2017 jgħaddi l-imgħax legali;

Illi fuq it-tieni skrittura, li saret fis-27 ta' Ġunju 2014 li minnha ma tħallas xejn[15], il-partijiet jippremettu li l-attur kien silef lill-konvenut *brevi manu* s-somma ta' €52,192. Din kienet mingħajr imgħax sakemm il-konvenut ma jonqosx milli jħallas pagamenti fix-xahar b'effett mill-10.08.2014. Għalhekk jiddekorri imgħax legali minn din id-data.

Illi fl-aħħarnett fin-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tiegħu, il-konvenut eċċepixxa li martu għandha tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju billi mill-provi jirriżulta li kinitx taf bis-self. Din hija vera u proprja eċċezzjoni, u mhux osservazzjoni u għalhekk il-Qorti mhix sejra tiegħu konjizzjoni tagħha. Apparti li l-konvenuti huma kontumaċi, qatt m'għandu jkun leċitu li tingħata eċċezzjoni fil-korp ta' nota ta' sottomissjonijiet responsiva meta l-provi jkunu magħluqa u l-attur ma jkollux l-opportunita` jirribattiha. Apparti dan, fi kwalunkwe każ, ma

---

[14] ara wkoll Maria Zahra -vs- Carmelo Valletta ***et,*** Appell Civili, 27 ta' April, 1962.

[15] fol 5, Dok B

trressqet l-ebda prova dwar l-għarfien *o meno* mill-konvenuta dwar x'kien qed jagħmel żewġha; it-talbiet huma indirizzati biss kontra żewġha u hi ġiet imħarrka biss għal kull interess li jista' jkollha bħala preżunta komparteċipi fil-komunjoni tal-akkwisti;

***Decide:***

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

1. tilqa' l-ewwel talba
2. tilqa' t-tieni talba limitatament għat-tieni skrittura
3. tillikwida l-ammont dovut:

(i) dwar l-ewwel skrittura: fis-somma ta' €50,356 bl-imgħax legali mill-20.05.2017 sad-data tal-ħlas effettiv; is-somma ta' €4,028.12 imgħax kif fuq spjegat.
(ii) dwar it-tieni skrittura: €52,192 bl-imgħax legali mill-10.08.2014 sad-data tal-ħlas effettiv.

4. tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somom hekk likwidati.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 1242/14 u tal-ittra interpellatorja tat-13 t'Awwissu 2014 a kariku tal-konvenut.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA